**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 21

Il-wieħed u għoxrin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 5 ta' Frar 2014 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| **SKUŻAT** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| **ASSENTI** skużata. | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. ***Kontinwazzjoni Suġġerimenti mill-Kunsilliera***

1.1 Is-Sindku preżenta *comparative report* preparat mill-Perit David Vassallo dwar it-tender SLC/T/626/2013, dwar *minor works* fil-lokalita. Is-Sindku qara r-riżultati tal-eżerċizzji li saru mil-perit sabiex jindikaw liema kuntrattur jiġi l-irħas taħt bosta xogħlijiet varji.

1.2 Il-Kunsill Lokali Tas-Sliema irrakomanda kuntrattur B, voldieri, LK Ltd., peress li dan huwa l-irħas fl-aktar scenarios importanti għax-xogħol tal-Kunsill.

1.3 Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill kien iddiskuta t-terminazzjoni tal-impjieg tas-Sur Frans Debono. Is-Sindku qal li meta s-Segretarju Eżekuttiv infurmah, dan ħada bi kbira. Is-Sindku qal li sar qbil verbali

miegħu illi jibqa jaħdem sal-aħħar ta Frar 2014, umbghad jirrilaxxa l-pożizzjoni. Is-Segretarju qal li iċċċekja mal-*labour office* u nfurmawh li f'dan il-kaz ma hemmx *notice period.*

1.4 Is-Sindku qal li l-arranġement tal-kera tal-garaxx tal-Kunsill fi Triq Manwel Dimech spiċċa f'Diċembru 2013. Is-Sindku ppropona li nestendu dan il-kuntratt sa Dicembru 2014 u biex sadanittant nippjanaw għal garaxx aħjar, forsi aktar viċin l-uffiċini tal-Kunsill.

1.5 Is-Sindku irrakkomanda persuna għal Ambaxxatur tal-Lokal. Dan huwa Matthias Vassallo illi joqgħod Triq Tonna. David Muscat qal li għandu persuna oħra interessata għal Ambaxxatur tal-lokal. Il-Kunsill Lokali Tas-Sliema qabel li jistenna li David Muscat iressaq id-dettalji tat-tieni nominazzjoni u niddeċiedu Kunsill li jmiss dwar min jiġi aċċċettat. Paul Radmilli ssuġerixxa li jiktbu komponiment ta' tlett mitt kelma bit-tema 'Għaliex tixtieq tkun l-Ambaxxatur tal-Lokal'.

1.6 Il-Kunsilliera Pierre Portelli u David Muscat spjegaw l-kwotazzjonijiet ta' Noel Castillo u Mario Camilleri. Il-Kunsill Lokali Tas- Sliema qabel ma *Option 2* ta' Mario Camilleri.

1.7 Il-Kunsillier Paul Radmilli qal li meta l-Kunsill kien għadu joffri is-servizz ta' ġbir ta' skart riċiklat permezz tal-kumpanija GreenMT, dawn ma rrispettawx li jħallsu l-*administration fee* u *extra tonnage fee*. Il-Kunsill Lokali Tas-Sliema qabel li nfittxu lill-GreenMT għall-ammonti dovuti bl-avukat.

1.8 Il-Kunsillier Paul Radmilli qal li bħala parti mill-kampanja EWWR, għamilna poster informattiv u konna bdejna nwaħluh fil-flats tal-lokal. Il-Kunsillier P Radmilli saqsa hux ser inkomplu din l-inizjattiva. Il-Kunsilliera qablu li jkomplu u raw li l-aħjar ikun is-Sibt filgħodu.

1.9 Il-Kunsillier Paul Radmilli tkellem fuq il-ġbir ta' skart minn Tigne Point. Hu qal li ġiet struzzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex niġbru l-iskart t'hemm, iżda il-Kunsill qed niġbru ta' żewg *blocks* biss. L-oħrajn għadom qed iħallsu kuntratturi privati, u din hija diskriminazzjoni. Is-Segretarju qal li jixtieq jassigura ruħu li l-fondi li ngħatajna mid-DLG iservu għal blokkok kollha u mhux għaż-żewġ blokkok biss li ressqu l-ilment. Il-KLS qabel li la din il-materja tal-fondi tiġi iċċarata, niktbu lid-DLG li rridu fondi għal Fort Cambridge u l-appartamenti l-oħra ta' The Point ukoll.

1.10 Ġiet sospiza l-laqgha biex issir preżentazzjoni dwar *Sliema Street Arts Festival 2014*, li huwa pjanat li isir bejn it-18 u 22 ta' Lulju 2014.

1.11 Il-Kunsill Lokali qabel fil-principju li l-attivita għanda ssir u li l-Kunsill Lokali għandu jkun parteċipi f'din l-attivita. Il-Kunsill iżda qal li d-deċiżjoni dwar il-finanzjament ta' din l-attivita għanda tigi diskussa waqt laqgħa ohra, wara il-laqgħat tal-Budget 2014.

1.12 Sadattant, il-Kunsill qabel li jibdew jinstabu fondi alternattivi fosthom mill-MEUSAC u *Malta Arts Fund*.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skużata mis-seduta fis- 7.30*
*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skużat li jitlaq fit- 8.15*

Il-laqgħa ntemmet. Hin 8.40pm. m Seduta oħra ġiet imsejħa nhar it-Tlieta 25 ta' Frar 2014.

Minuti approvati llum

**Anthony Chircop** 25/02/2014
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**